# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru: 5**
**Rik. Nru. 1023/09JRM**

Carmela **DALLI**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi titlob li din il-Qorti (i) issib li d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta kif pubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 2009, dwar it-teħid ta' qatgħa art tal-kejl ta' ħamsa u tletin metru kwadru (35m$^2$) fi Sqaq Ċiantar f'San Ġiljan meħtieġa għal skop pubbliku, hija nulla u bla effett billi tali teħid jikser id-drittijiet tal-attriċi kif imħarsa, fost l-oħrajn, mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għal Konvenzjoni Ewropea; (ii) issib li tali teħid huwa null u bla

effett għall-finijiet, fost l-oħrajn, tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) issib li l-imħarrek aġixxa b'mod mhux raġjonevoli skond l-artikolu 469A(5) u konsegwentement tikkundannah iħallasha dak il-kumpens xieraq u dawk id-danni li jiġu likwidati bħala kumpens għall-imsemmi ksur; u (iv) tagħti dawk ir-rimedji li jidhirla xierqa u opportuni. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2009[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-29 ta' Novembru, 2009, li biha l-Kummissarju mħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, jgħid li t-talbiet tal-attriċi huma ta' natura kostituzzjonali u għalhekk għandhom jinġiebu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha. Fil-mertu, jgħid li t-tieni u t-tielet talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda billi l-art ittieħdet fuq talba tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta biex tiġi ffurmata triq u li n-nefqa tal-formazzjoni ntrefgħet minn terzi minħabba obbligi naxxenti mill-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Jgħid li ma ntlaħaqx ftehim bejn l-attriċi u t-terz dwar l-ammont ta' kumpens minnha pretiż, u għaldaqstant huwa kellu jmexxi bil-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 5 tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta u mexa ma' dik il-liġi;

Rat il-verbal tat-12 ta' Jannar, 2010[2], li bih il-Kummissarju mħarrek irtira t-tielet eċċezzjoni limitatament fil-konfront tat-tieni u tielet talbiet attriċi u ddikjara li r-raba' eċċezzjoni hija kostatazzjoni ta' fatt u m'għandhiex tinftihem la bħala eċċezzjoni ta' integrità ta' ġudizzju u lanqas bħala eċċezzjoni għas-sejħa fil-kawża ta' xi terz;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2010[3], li bih ħatret bħala Assistent Ġudizzjarju lill-Avukat Maria Dolores Gauċi sabiex tisma' l-provi attriċi;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2014[4], li bih il-Qorti tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet mressqa mill-attriċi fil-5 ta' Mejju, 2014[5];

---

[1] Paġ. 11 – 2 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess
[3] *Ibid*
[4] Paġ. 298 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju mħarrek tat-3 ta' Settemrbu, 2014[6], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi tixli lill-Kummisarju mħarrek b'aġir abbużiv meta ħa art tagħha permezz ta' espropriju, li ngħad li kien sar għal skop pubbliku, iżda li l-iskop ewlieni tiegħu kien biex jinqdew terzi li kellhom art fl-istess inħawi. L-attriċi tgħid li d-dikjarazzjoni Presidenzjali li dehret fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 2009, ma kellhiex mis-sewwa, u trid li din il-Qorti ssib li tali dikjarazzjoni ma tiswiex u li hi tingħata kumpens xieraq u dawk id-danni li jiġu likwidati bħala kumpens għall-imsemmi ksur;

Illi għal din l-azzjoni, il-Kummissarju mħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, jgħid li t-talbiet tal-attriċi huma ta' natura kostituzzjonali u għalhekk għandhom jinġiebu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha. Fil-mertu, jiġġustifika t-teħid ta' l-art bħala wieħed leġittimu, jiġifieri dak li tiġi ffurmata triq, u jiċħad ix-xiljiet ta' aġir abbużiv. Wara l-ewwel seduta, l-imħarrek irtira t-tielet eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-attriċi hija sidt l-art mertu tal-kawża, li tinstab fi Sqaq Ċiantar ġewwa San Ġiljan[7]. Din tinkludi razzett (li jiġi fuq ir-riħ tax-xlokk għall-imsemmija qatgħa art) u art quddiem ir-razzett li ma tinħadimx[8]. Jirriżulta li fuq l-art ta' quddiem ir-razzett ta' Dalli, sa mis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, kien maħsub li tgħaddi triq li tgħaqqad ma' toroq diġà eżistenti[9]. Kien hemm ħajt tas-sejjieħ li jifred il-ġid tal-attriċi minn dik ta' terzi[10];

---

[5] Paġġ. 299 – 315 tal-proċess
[6] Paġġ. 318 – 331 tal-proċess
[7] Ara Dok. "A" f'paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[8] Ara xhieda mogħtija minn Carmela Dalli f'paġġ. 29 – 30 tal-proċess. Ara wkoll ir-ritratt "CD01" f'paġ. 27 tal-proċess li turi r-razzett u l-art proprjetà tal-attriċi mix-xatba tal-injam 'il ġewwa
[9] Ara x-xhieda ta' Victor Borġ Fiorentino f'paġġ. 220 – 5 tal-proċess u Dokti. "VBF" sa "VBF5" f'paġġ. 213 – 218 tal-proċess
[10] Ara ritratt "CD02 f'paġ. 27 tal-proċess

Illi sar żvilupp estensiv fuq l-art ta' terzi[11], li biex setgħu jidħlu għalih, kellhom biss aċċess bir-riġel[12]. F'Marzu tal-2007[13], l-iżviluppaturi tal-binja, permezz tal-perit imqabbad minnhom, talbu lill-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "ADT") biex tinfetaħ it-triq li tiġi quddiem il-binja l-ġdida u, jekk hemm bżonn, tittieħed l-art meħtieġa biex dan ikun jista' jsir;

Illi fl-14 ta' Marzu, 2008[14], kemm Anthony Cardona f'isem il-kumpannija Christef Co Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Christef") u kif ukoll Charles Camilleri f'isem Monomark Developments Ltd (minn issa 'l quddiem imsejħa "Monomark") bagħtu ittra lill-attriċi fejn talbuha tbegħelhom biċċa mill-art ta' quddiem ir-razzett tagħha tal-kejl ta' madwar erbgħa u tletin punt tlieta metri kwadri ($34.3m^2$)[15]. Din l-art kienet meħtieġa sabiex vetturi setgħu jgħaddu għall-garaxxijiet diġà mibnija fuq l-art ta' Monomark. Għal din it-talba, Dalli talbet kumpens ta' mija tlieta u sittin elf ewro (€163,000)[16]. Billi ma ntlaħaqx qbil dwar il-kumpens mitlub, fit-8 ta' April, 2008[17], Monomark talbet lid-Direttur tal-Artijiet sabiex jieħu l-art permezz ta' esproprijazzjoni;

Illi fuq rakkomandazzjoni li saret mill-ADT f'Jannar tal-2005[18], id-Direttur tal-Artijiet intalab iniedi l-proċedura għat-teħid tal-art imsemmija bi spejjeż ta' Christef, li kellha sehem ukoll mill-istess żvilupp biswit il-ġid tal-attriċi. Din ir-rakkomandazzjoni tressqet wara li ADT qieset il-linja tat-triq kif skedata mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ippjanar[19]. Id-Dipartiment tal-Artijiet mexa fuq l-art kif skemata mill-MEPA[20];

Illi permezz ta' dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-13 ta' Mejju, 2009, ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern li ġġib l-istess data, tħabbar l-esproprju tal-qatgħa art tal-attriċi ta' kejl ta' madwar 35 metri kwadri[21]. L-art milquta kienet stmata mill-Perit tad-Dipartiment fis-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt euro (€ 18,500)[22]. Għal dan it-teħid, Monomark u Christef ħallsu lid-Dipartiment l-ammont ta' tmintax-il elf u ħames mitt euro (€18,500) bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-11 ta' Frar, 2009[23]. Jirriżulta li l-kejl ta' dak li ġie attwalment esproprijat huwa ta' madwar tmenin metru kwadru ($80m^2$)[24].

---

[11] *Ibid*
[12] Ara x-xhieda ta' Carmela Dalli f'paġ. 34 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Perit Nicholas Samut Tagliaferro f'paġ. 94 tal-proċess
[13] Dok "JF", f'paġ. 125 tal-proċess
[14] Dokti. "PM3" u "PM5" f'paġġ. 239 u 241 tal-proċess
[15] Ara Dok. "PM7" f'paġ. 243 tal-proċess u Dok. "PM6" f'paġ. 242 tal-proċess
[16] Ara Dok. "PM8" f'paġ. 245 tal-proċess
[17] Dok. "PM7" f'paġ. 243 tal-proċess
[18] Dokti. "JF" u "PM1" f'paġġ. 117 u 235 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Geoffrey Formosa f'paġ. 133 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Peter Mamo f'paġ. 287 tal-proċess
[21] Ara Dokti. "B" u "PM12" f'paġġ. 6 – 8 u 251 – 2 tal-proċess
[22] Ara Dok "AM3", f'paġ. 22 tal-proċess
[23] Ara Dok. "PM11" f'paġġ. 248 – 9 tal-proċess
[24] Kif maħżuż bil-lewn isfar fuq il-pjanta Dok. "LCZ" f'paġ. 180 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Perit Lorraine Cassar f'paġġ. 184 – 5 tal-proċess

Għat-teħid tal-art tagħha, l-attriċi qabbdet perit biex jistma l-art meħuda u fuq dik il-fehma qiegħda tippretendi kumpens ta' mija u sbatax-il elf, seba' mija u ħamsin euro (€117,750)[25];

Illi fis-26 ta' Ottubru, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi fiż-żmien li kienet miexja l-kawża, jiġifieri f'Jannar 2011, ATD għamlet ix-xogħlijiet fuq l-art mertu tal-kawża billi waqqgħet il-ħajt tas-sejjieħ li kien jifred il-ġid tal-attriċi minn dak tat-terzi, u minfloku, tellgħet ħajt ġdid tal-*bricks*.[26] Il-ħajt tal-*bricks* tressaq 'il barra wara li ngħatat il-linja mill-MEPA[27]. It-triq ġiet li nfetħet sa quddiem il-binja ta' Monomark u ma tinfidx għat-toroq kif jidhru ppjanati mal-MEPA[28];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, il-Qorti tqis li mill-atti miġbura tal-kawża ntwera sewwa liema hija l-art li dwarha l-atturi fetħu din il-kawża u li dwarha kienet inħarġet id-Dikjarazzjoni ta' esproprju. Jirriżulta wkoll li ttieħdet art akbar minn dik esproprijata kif imfissra fid-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 2009;

Illi l-attriċi tisħaq żewġ affarijiet[29]. L-ewwel, li mhuwiex minnu li l-art ittieħdet għal skop pubbliku iżda għall-kumdità tat-terzi li kellhom biss aċċess limitat għall-ġid tagħhom. Hija tgħid li l-Kummissarju mħarrek straħ fuq dak li ntalab jagħmel wara li ġiet segwita l-proċedura stabbilita u ma vverifikax l-użu li fil-fatt sar mill-art u għal liema raġuni ttieħdet. It-tieni raġuni msemmija mill-attriċi hi li hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li l-Kummissarju mħarrek ġie awtorizzat jesproprija permezz tad-dikjarazzjoni tal-President u dak li fil-fatt ittieħed minn idejn l-attriċi;

Illi qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti sejra tqis it-**tielet eċċezzjoni** tal-Kummissarju mħarrek safejn din baqgħet ma ġietx irtirata. Dik l-eċċezzjoni tgħid li t-talbiet attriċi huma ta' natura kostituzzjonali u għaldaqstant messhom tressqu quddiem din il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali tagħha. Aktar tard, l-abbli difensur tal-imħarrek jiddikjara li qed jirtira t-tielet eċċezzjoni limitatament fil-konfront tat-tieni u tielet talbiet attriċi: jiġifieri żammha fis-seħħ dwar l-ewwel talba attriċi;

---

[25] Ara Dokti "NST" u "NST1" f'paġġ. 197 – 8 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija mill-Perit Nicholas Samut Tagliaferro f'paġġ. 203 – 4 tal-proċess

[26] Xhieda tal-attriċi f'paġġ. 69 sa 83 tal-proċess

[27] Ara x-xhieda tal-Perit Nicholas Samut Tagliaferro f'paġ. 90 – 1 tal-proċess. Ara wkoll Dok. NST f'paġġ. 86 -8 tal-proċess

[28] Ara x-xhieda tal-Perit Lorraine Cassar f'paġ. 189 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda mogħtija min Victor Borġ Fiorentino f'paġ. 225 tal-proċess u dik tal-Perit Nicholas Samut Tagliaferro f'paġ. 94 tal-proċess

[29] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 304 tal-proċess

Illi illum il-ġurnata huwa aċċettat illi għalkemm f'att li bih tinfetaħ kawża jissemma ksur ta' xi jedd fundamentali u ssir trattazzjoni estensiva dwar il-materja tad-dritt fundamentali, u għalkemm il-Qorti trid tħares id-drittijiet kollha tal-pajjiż inkluż dawk li jħarsu d-drittijiet fundamentali, xorta waħda proċeduri li jinbdew quddiem din il-Qorti għandhom jitqiesu li huma proceduri istitwiti taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-proċedura li tirregola kawżi dwar ilmenti ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Jingħad ukoll li azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A ma għandhiex tieħu l-post u lanqas titqies bħallikieku kienet azzjoni kostituzzjonali (jew konvenzjonali)[30]. Minbarra dan, ir-rimedju li jista' jingħata f'kawża kostituzzjonali jidher li jkun usa' minn dak li jista' jingħata lir-rikorrenti f'kawża bħal din, jiġifieri dik ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi l-Qrati wrew li huma disposti li jikkonsidraw ilmenti relatati mad-drittijiet fundamentali f'każ fejn m'hemmx rimedju ieħor[31], iżda f'każijiet ta' sħarriġ ġudizzjarju mressqa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap 12 (bħalma ġara f'din il-kawża) għamluha ċara li azzjoni bħal din ma tistax titressaq bħallikieku azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali[32];

Illi s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdieni li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[33];

Illi l-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni. Kif ngħad, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaċi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[34]. Il-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[35]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li,

---

[30] P.A. GCD **5.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Farruġia et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[31] P.A. AE **25.4.3014** fil-kawża fl-imsijiet ***Dr Frank Portelli vs Dr Josella Farrugia noe et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.7.2019**)
[32] Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment Għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***
[33] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[34] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorità tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[35] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorità tad-Djar et***

minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A;

Illi l-Qorti, fid-dawl ta' dan li ssemma aktar qabel, issib li safejn it-tielet eċċezzjoni tal-Kummissarju mħarrek tikkontesta l-azzjoni attriċi bħala waħda dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali, dik l-eċċezzjoni hija tajba fir-rigward tal-ewwel talba attriċi u għandha tintlaqa', iżda ma tiswiex fir-rigward tat-talbiet l-oħrajn. Minħabba f'hekk, din il-Qorti m'għandhiex tinżamm milli tkompli tqis is-siwi tat-talbiet l-oħrajn safejn dawn saru fil-parametri maħsuba tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni attriċi**, jingħad li t-talbiet attriċi huma biex il-Qorti tistħarreġ ġudizzjarjament il-pretensjonijiet (a) li t-teħid ta' l-art mill-Kummissarju mħarrrek huwa null u bla effett, fost oħrajn għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) issib li l-Kummissarju mħarrek ġab ruħu b'mod irraġonevoli li jintitolaha għal kumpens xieraq u danni likwidati bħala kumpens għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12; u (ċ) biex il-Qorti tagħti l-provvedimenti oħrajn xierqa;

Illi jrid jingħad mill-bidunett li, għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[36], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[37]. Iżda, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[38];

Illi, fis-sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tisħaq li l-interess li kien qed jiġi mħares bl-esproprju ta' ġidha kien dak tat-terzi privati u mhux tal-pubbliku in ġenerali, u li kulma tqies kien biss li jinqdew dawn it-terzi mingħajr ma tqiesu l-interess tagħha. L-attriċi tixli lill-Kummissarju mħarrek, li fit-twettiq tas-setgħat li tagħtih il-liġi, naqas milli jistħarreġ jekk fil-fatt l-għan li għalih itteħdet l-art intlaħaqx;

---

[36] Kost. **24.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
[37] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The Former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) §87
[38] Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)

Illi fiż-żmien rilevanti għall-istħarriġ li jrid isir fuq il-fatti ta' din il-kawża, il-liġi kienet titlob li t-teħid ta' art b'titolu ta' xiri assolut ried ikun għal skop pubbliku[39];

Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam ma' l-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-ġurnata huwa aċċettat li t-tifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettivita' b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[40], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[41]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li post jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub mhuwiex wieħed pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku[42]. Ingħad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittieħed biex isir minnha użu kummerċjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' ħtieġa pubblika jew interess pubbliku[43];

Illi mill-fatti li tresqu quddiemha, lill-Qorti jirriżultalha li sa minn bosta snin ilu (li b'kumbinazzjoni jaħbtu mas-sena li fiha l-attriċi xtrat l-art tagħha), l-art quddiem ir-razzett tal-attriċi kienet maħsuba mill-awtorità pubblika responsabbli mill-iżvilupp ta' dak iż-żmien, li kellha tittieħed għall-formazzjoni ta' triq. Dan hekk baqa' konsistentement fil-pjanijiet regolaturi, għalkemm matul is-snin saru xi bidliet fl-iskema u fil-linji. Huwa minnu li, f'din il-kawża, l-ewwel sar l-iżvilupp minn terzi imbgħad fuq il-ġid privat tagħhom u, wara, saret it-talba għall-esproprju. Iżda t-tagħrif li kien hemm triq proġettata ma kienx mistur iżda seta' jkun magħruf minn kulħadd, magħduda l-attriċi;

Illi huwa minnu wkoll li, bil-mod kif saru x-xogħlijiet, it-triq ma nfetħetx tulha kollha, iżda waqfet sa quddiem il-binja tat-terzi li talbu l-esproprju. Dan, għal darb'oħra, jista' jiġi ġustifikat bil-fatt li żvilupp ieħor lil hinn minn dak il-bini (ta' Monomark u Christef) għadu ma sarx. Fi kliem ir-rappreżentant tal-MEPA[44], kemm-il darba jsir tali żvilupp, il-MEPA teżiġi li tiġi

[39] Art. 5(a) tal-Kap 88 (għalkemm dik il-liġi tħassret bl-art. 84 tal-Att XVII tal-2017 – Kap 573 – l-artikolu 82 jgħid li azzjonijiet li nbdew taħt l-imsemmija liġi qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida għandhom jibqgħu regolati bil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel)
[40] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**); ara wkoll Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon et vs Malta*** (Applik. Nru. 2226/10) § 60
[41] P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**15.10.2008**)
[42] Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.57**)
[43] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs L-Avukat Ġenerali***
[44] Ara x-xhieda ta' Victor Borġ Fiorentino f'paġ. 225 tal-proċess

ffurmata t-triq. Dan iwassal biex it-triq tiġi ffurmata t-tul tagħha kollha u tingħaqad mat-toroq l-oħra, kif ilu pubblikament u fid-dieher maħsub li jsir sa minn bosta snin ilu;

Illi għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, fir-rigward tal-fatt innifsu tat-teħid tal-art tal-attriċi tal-qies ta' madwar ħamsa u tletin metru kwadru (35 $m^2$) kif tirriżulta mill-pjanta mehmuża mad-dikjarazzjoni mill-President ta' Malta fil-Gażżetta tal-Gvern tat-13 ta' Mejju, 2009, dak it-teħid sar għal skop pubbliku. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-attriċi f'dan ir-rigward u għalhekk, safejn it-tieni talba attriċi tinbena fuq in-nuqqas ta' għan pubbliku għat-teħid, dik it-talba ma tirriżultax mistħoqqa;

Illi, madankollu, kif ingħad qabel, l-azzjoni attriċi tinbena fuq raġuni oħra ta' stħarriġ. L-attriċi tilmenta illi ma ngħatatx kumpens xieraq għat-teħid tal-ġid tagħha. Ma' dan l-ilment, hija tgħid ukoll li, minkejja dak li ngħad fid-dikjarazzjoni tal-President, itteħdilha minn ġidha aktar minn dak li tgħid l-istess Dikjarazzjoni. L-imħarrek jiċħad dan, iżda minn provi mressqa mill-attriċi, u li din il-Qorti tista' toqgħod fuqhom, jidher li meta (fil-mori tal-kawża) saru x-xogħlijiet tal-formazzjoni tat-triq, lill-attriċi itteħdilha aktar mid-doppju tal-art li kienet issemmiet fid-dikjarazzjoni tal-President;

Illi l-Qorti tqis li jekk il-"vires" mogħti bil-liġi lill-Kummissarju mħarrek kien mistħoqq safejn kien hemm liġi li tħarsu, dik is-setgħa ma setgħetx titwettaq bla ħarsien tal-istess liġi. Id-dikjarazzjoni tal-President issir sewwasew biex it-teħid tal-ġid ta' xiħadd isir fil-parametri preċiżi tagħha u b'ħarsien sħiħ ta' dak li huwa ordnat fiha. Jekk ma jsirx hekk, jinħalaq l-abbuż. Jekk ma titħarisx is-setgħa, l-għemil ma jkunx aktar "*intra vires*" u jiġbed fuqu s-sanzjoni tal-arbitrarjetà jew tal-irraġonevolezza;

Illi jirriżulta mill-atti li ttieħdet mingħand l-attriċi medda art akbar minn dik li l-Kummissarju kien awtoriżżat jesproprija permezz tad-dikjarazzjoni Presidenzjali. Id-diskrepanza tidher li hija ta' madwar ħamsa u erbgħin metru kwadru (45mk). Il-perit tal-attriċi jaċċenna għal dan il-fatt u jistaqsi x'kien l-iskop wara dan it-teħid: jekk hux għall-formazzjoni tat-triq jew biex it-triq titwessa'[45]. Kienet x'kienet ir-raġuni, jibqa' l-fatt li l-Kummissarju ġie awtorizzat jesproprija biss ħamsa u tletin metru kwadru, iżda ittieħdet art akbar minn hekk. Is-saram jinħoloq minħabba l-fatt li t-teħid żejjed tal-art twettaq mill-ADT, entità pubblika maqtugħa mill-Kummissarju mħarrek u li mhix parti fil-kawza;

[45] Ara x-xhieda tal-Perit Nicholas Sammut Tagliaferro f'paġ. 204 tal-proċess

Illi l-Qorti għaldaqstant qiegħda tasal għall-fehma, li l-biċċa tal-art ta' ħamsa u tletin metru kwadru (35m$^2$) li ttieħdet bis-saħħa tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali tat-13 ta' Mejju, 2009, saret għal skop pubbliku. Il-bqija ta' l-art li mhix koperta bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali fuq imsemmija, ittieħdet b'mod abbużiv, iżda mhux mill-Kummissarju mħarrek, u l-Kummissarju mħarrek ma jistax iwieġeb għall-għemil ta' ħaddieħor;

Illi għalhekk, għall-għanijiet tat-**tieni talba attriċi** il-Qorti sejra tagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa għall-għanijiet tal-azzjoni ta' stħarriġ li tressqet quddiemha;

Illi għal dak li jirrigwarda **t-tielet talba** attriċi, dwar il-ħlas tad-danni għal dak li seħħ, xieraq jingħad li d-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorità pubblika bi twettiq ta' delitt jew kwazi-delitt li joħroġ mill-għemil amministrattiv impunjat. Għaldaqstant jekk jirriżulta li l-għemil amministrattiv kien wieħed ċensurabbli, hemm lok għal kundanna tad-danni. Biex ikun ċensurabbli u passibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni, dak l-għemil irid ikun twettaq b'mala fidi jew b'mod irraġonevoli;

Illi fil-fehma tal-Qorti, safejn kien jolqot lilu l-Kummissarju mħarrek mexa b'mod ragonevoli mal-attriċi meta esproprija il-ħamsa u tletin metru kwadru (35 m$^2$) fuq talba tal-ADT, filwaqt li fir-rigward ta' dak li fattwalment ittieħed żejjed, l-imħarrek ma jaħti xejn, imma jaħti ħaddieħor li mhux parti f'din il-kawża;

Illi filwaqt li l-attriċi jistħoqqilha li tiġi kumpensata għad-danni illi ġew ikkaġunati lilha għall-mod abbużiv li ġarrbet ħsara fi ħwejjiġha, dan ma jistax iwieġeb għalih il-Kummissarju mħarrek. Jibqa' bla mittiefes kull jedd għar-rimedju li hija tista' tieħu f'kull sede oħra kontra l-parti xierqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ssib li talba bħal dik mhijiex f'lokha f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** u ssib li t-teħid tal-ġid tal-attriċi safejn jaqbel mad-Dikjarazzjoni tal-President tat-13 ta' Mejju, 2009, ma sarx bi ksur tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bla ħsara għal kull rimedju li l-attriċi tista' titlob dwar it-teħid ta' art li jaqbeż il-kejl imsemmi fl-istess Dikjarazzjoni;

**Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet attriċi** u ssib li l-Kummissarju imħarrek mexa b'mod raġjonevoli mal-attriċi w għaldaqstant m'għandux iwieġeb għall-ebda danni u l-Qorti ma għandha l-ebda dikjarazzjoni x'tagħmel fir-rigward;

**Tordna** li l-attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**11 ta' Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Ġunju, 2020**